MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 595/2003

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fis-24 ta' April 1983, minn liema zwieg twieldu tlett itfal (3) tnejn minnhom ghadhom minuri u cioe` Antoinette Cauchi u Ronald Cauchi; u

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-

konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, u *in subsidium*, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

Illi l-attrici ottjeniet id-debita awtorizazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'Digriet Numru 596/2003 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza; u

Illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Antoinette u Ronald f'idejn l-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmi minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 *et sequitur* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 8 tal-process;

Rat id-digriet tas-Sekond'Awla datat 20 ta' Awissu 2003 fejn l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono ordna li l-kustodja ta' ulied minuri tal-kontendenti tibqa' kongunta, w ordnat lir-ragel sabiex ihallas l-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200) bhala manteniment ghall-mara (Lm100) u ghaz-zewg minuri (Lm100 b'kollox – Lm50 kull wiehed) u dan ghall kull erba' gimghat, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem u jithallsu l-ghada li r-ragel jaqbad il-paga, u l-ispejjez tat-telefon u gas jithallsu mill-mara u dawk tad-dawl u ilma jithallsu mir-ragel, kollox skond Digriet Numru 596/2003 a fol. 5 sa 8 tal-process.

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attrici fit-18 ta' Awissu 2003 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-pretenzjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta' nota guramentata ghandu jindika fejn ma jaqbilx.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (1) tal-24 ta' Gunju 2003 fejn talbet li l-intimat ihallas il-manteniment direttament mill-paga tieghu mas-socjeta` Maltacom p.l.c.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Gunju 2003 fejn ordnat lill-attrici tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien 40 jum u fl-

istess waqt laqghet it-talba tar-rikorrenti b'dan li dak hemm ordnat jigi ezegwit mill-attrici.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta' Settembru 2003 a fol. 23 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi in kwantu t-talbiet huma bbazati fuq allegazzjoni ta' tortijiet attribwibbli lill-eccipjent, senjatament adulterju, eccessi, mohqrija w ingurji gravi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. F'dan is-sens, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda

2. Illi huwa minnu pero` li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

3. Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda *stante* li l-omm qed taghmel pressjoni kbira fuq it-tfal sabiex jaqtghu kull kuntatt mal-konvenut;

4. Illi l-konvenut ma jsib l-ebda oggezzjoni li jhallas ghall-manteniment ta' wliedu, izda t-tielet talba attrici dwar manteniment ghall-attrici ghandha tigi michuda;

5. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda ghaliex mhijiex misthoqqa. Infatti, t-tkissir taz-zwieg huwa dovut ghall-komportament ta' l-attrici versu zewgha;

6. Illi l-qasma msemmija fil-hames talba mhix opposta;

7. Illi t-talbiet numru 6, 7 u 8 mhumiex opposti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 24 tal-process.

Rat in-nota guramentata tal-attrici tas-17 ta' Settembru 2003 (fol 25).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli fit-22 t'Ottubru 2003 fejn

ma sar xejn; tal-5 ta’ Novembru 2003 fejn xehdu **John D’Anastasi** hu l-attrici, **Charlo Cauchi** iben il-partijiet, u l-attrici **A Cauchi** u d-dokumenti esebiti minnha immarkati bhala Dok. “LC 1” sa Dok. “LC 7” konsistenti f’certifikati medici u xuhed ukoll **il-konvenut B** in subizzjoni; tal-10 ta’ Novembru 2003 fejn xehdu **Charles Attard** rapprezentant tal-Maltacom plc li esebixxa s-salarju u l-hlas li rcieva bhala *overtime* il-konvenut fl-ammont gross ta’ sitt elef, tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm6,358) ghas-sena 2003 skond id-dokumenti “CA” u “CA 1” esebiti a fol. 64 u 65 tal-process; **l-Ispettur Simon Galea** li esebixxa diversi rapporti minn Dok. “SG 1” sa Dok. “SG 5” minn fol. 69 sa fol. 78 tal-process; **Paul Gambina** ghan-nom tas-socjeta` Bank of Valletta plc li esebixxa Dok. “PG1” (fol. 82) u Dok. “PG2”  (fol. 83 sa fol. 87), u **l-attrici A Cauchi** u d-dokumenti hemm esebiti bhala Dok. “LC 8” sa Dok. “LC12” rappresentanti certifikati tat-tobba u wkoll ritratt tal-griehi sofferti minn Charlo Cauchi (fol 90 sa 93).

Rat il-verbal tal-11 ta’ Novembru 2003 fejn deher Dr. Angelo Farrugia ghall-attrici u l-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli tiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici sal-15 ta' Jannar 2004. Inghata digriet ta' l-affidavit tal-konvenut b'terminu ta' 30 gurnata mill-ahhar seduta attrici, w il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja biex wara tali terminu tiffissa tlett seduti ghall-provi kollha tal-konvenut, li ghandu fi zmien ghaxar t’ijiem mis-seduta ta’ quddiem il-Qorti sabiex jipprezenta nota guramentata tieghu.  Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Mejju 2004 ghall-finali trattazzjoni, kollox kif jidher a fol.94 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici **A** tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess datat 30 ta’ Ottubru 2003 (fol 97).

Rat in-nota ta’ l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli a fol. 103 tal-process fejn informat il-Qorti li l-provi attrici ma kienux ghadhom maghluqa u kien hemm seduta ffissata ghall-1 ta’ Dicembru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fl-1 ta' Dicembru 2003 fejn xehdet **Catherine Fenech** ghan-nom tas-socjeta` HSBC Bank Malta plc li prezentat id-dokument immarkat bhala Dok. "CF1" (fol 107 sa 115).

Rat ir-rikors ta' l-attrici (2) datat 9 ta' Jannar 2004 fejn talbet lil Qorti biex tordna illi kull assistenza socjali dovuta lill-minuri Ronald Cauchi tigi mhalsa direttament lill-esponenti u mhux diviza f'zewg pagamenti wahda lill-esponenti u l-ohra lill-intimat.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Jannar 2004 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tat-2 ta' Frar 2004 u d-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Frar 2004 fejn laqghet it-talba w ordnat lill-attrici tinnotifika dan id-digriet a spejjez taghha lid-Direttur tas-Servizzi Socjali.

Rat in-nota tal-konvenut tal-20 ta' Jannar 2004 fejn prezenta l-affidavits ta' **Charles Cauchi** datat 18 ta' Dicembru 2003, ta' **BMangion** ir-ragel ta' oht il-konvenut, datat 20 ta' Novembru 2003; ta' **Doris Decelis** datat 8 ta' Jananr 2004 u **Jane Mangion,** oht il-konvenut datat 8 ta' Jannar 2004 (fol 126 sa 130).

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-21 ta' Jannar 2004 fejn xehed **Dr Josie Muscat** b'riferenza ghac-certifikat mediku Dok. "LC 4"; **Ben Farrugia** ghad-Direttur tat-Traffiku, u l-attrici **A** li esebiet it-testment immarkat bhala Dok. "LC11" (fol.144 – 145) u kuntratt datat 16 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza bhala Dok. "LC 12" (fol. 146 sa fol. 152) u l-kuntratt li bih inxtara l-fond matrimonali "Pauljoe", Indri Calleja Street, B'Kara datat 10 ta' Marzu 1988 bhala Dok. "LC 13"; tal-24 ta' Frar 2004 fejn xehdu **Audrey Ghigo** rapprezentanta ta' l-HSBC Bank (Malta) plc**, Paul Gambina** rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, **Vanessa Camilleri** u tat-30 ta' Marzu 2004 fejn xehed l-attur **B** u d-dokumenti hemm esebiti (fol 131 sa 192).

Rat ir-rikors tal-attrici (3) tal-5 t'April 2004 fejn talbet li tesebixxi xi dokumenti; id-digriet tal-Qorti tas-6 t'April 2004, ir-risposta tal-konvenut tal-20 ta' April 2004 u d-digriet tal-Qorti tad-29 t'April 2004 fejn laqghet it-talba sabiex jigu esebiti r-ritratti bhala Dok. "LC 1" – fol. 196 u d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati datata 27 ta' Jannar mill-Magistrat Dr. Abigail Lofaro bhala Dok. "LC 2" a fol. 197 tal-process b'kopja lill-kontro-parti.

Rat il-verbal tas-seduti tad-19 ta' April 2004 u 30 t'April 2004 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet esebita fis-seduta tad-19 ta' April 2004 fejn qabblu li d-dar matrimonjali tiswa sittin elf lira Maltin (Lm60,000) skond stima ta' Tony Scicluna tad-Dhalia Real Estate Services tat-8 ta' April 2004 kollox a fol. 206 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2004, fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex sa l-ahhar ta' Gunju izomm l-ahhar seduta ghall-provi li fadal inkluz il-kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-14 t'Ottubru 2004.

Rat il-verbal tal-24 ta' Awissu 2004 fejn xehdet in kontro-ezami **Doris Decelis**, tal-5 t'Ottubru 2004 fejn xehdu **BMangion** u **Jane Mangion** in kontro-ezami.

Rat il-verbali tal-14 ta' Ottubru 2004, tat-8 ta' Frar 2005 fejn
Dr Edward Gatt irrinunzja f'dan l-istadju ghar-rikors tat-13 ta' Awissu 2003 *stante* li l-kawza kienet fi stadju matur ghas-sentenza. *In vista* ta' dan, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess rikors ta' l-attrici datat 13 ta' Awissu 2003 skond digriet ta' l-istess datata tat-8 ta' Frar 2005. Il-partijiet qablu li l-manteniment ghandu jibqa' kif inhu. Id-dar tifforma parti mill-komunjoni li tiswa bejn sittin elf lira Maltin (Lm60,000) u sebghin elf lira Maltija (Lm70,000). Id-difensuri ddikjaraw li l-partijiet ghandhom jaqblu fuq l-ghamara. Kura, kustodja w access jibqghu kif inhuma. Il-Qorti tat fakolta` lill-attrici tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet f'terminu ta' 20 gurnata bil-visto/notifika

lill-kontroparti li jkollhom 20 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 ta' Mejju 2005.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-13 t'Awissu 2003 fejn talbet lill-Qorti biex dan ir-rikors jigi trattat b'urgenza u biex tordna lill-esponenti w uliedha jghixu esklussivament fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 t'Awissu 2003 fejn ordnat lill-attrici taderixxi ruhha immedjatament u ezawrentement mad-digriet tal-affidavits tal-24 ta' Gunju 2003 u digriet ta' nota guramentata b'terminu ta' ghaxart ijiem, preciza qasira u cara. Innominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr Josette Demicoli sabiex tiffissa tlett seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u tordna n-notifika ta' dan id-digriet lill-Assistenta Gudizzjarja. Appuntat il-kawza ghall-11 ta' Novembru 2003 b'dan li l-provi attrici jigu konkluzi sa dak inhar, u tordna n-notifika tac-citazzjoni u l-atti kollha lill-konvenuta nkluz ta' dan ir-rikors, b'erbgha u ghoxrin siegha ghar-risposta guramentata. Rat id-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Frar 2005 fejn *in vista* tal-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2005 stess, astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dan ir-rikors.

Rat in-nota tal-attrici tat-8 ta' Marzu 2005 (fol 244).

Rat in-nota tal-konvenut tat-8 ta' Marzu 2005 (fol 250).

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju 2005 fejn id-difensuri talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-21 ta' Lulju 2005 fejn talab li jitwaqqaf il-hlas tal-manteniment ghall-Antoinette Cauchi b'sehh mill-15 ta' Mejju 2005, u dan *stante* li l-istess ma baqghetx minuri.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 2005 fejn cahdet it-talba b'dan pero` li l-manteniment ta' mitejn lira Maltin (Lm200) kull erba' gimghat ghandu jkun mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ghall-attrici u hamsin lira Maltin

(Lm50) ghall-ulied li ghadhom minuri; u mill-bqija tikkonferma dak kollu gja degretat.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-26 ta’ Settembru 2005 fejn talab li l-Qorti jogghobha tvarja d-digriet diga moghti b’dan li jitnaqqas il-manteniment ghall-attrici u tordna li l-ispejjez relatati mad-dar matrimonjali ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 t’Ottubru 2005 fejn cahdet it-talba f’dan l-istadju *stante* li l-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-14 ta’ Ottubru 2005 fejn talab is-sospensjoni ghall-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li l-esponent xtaq iressaq xi provi dwar l-adulterju tal-konvenuta.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-27 ta’ Ottubru 2005 fejn il-Qorti cahdet it-talba *stante* li d-data tad-9 ta’ Novembru 2005 citata mill-konvenut fir-rikors tieghu lanqas biss kienet ghadha waslet.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-8 ta’ Novembru 2005 fejn talab is-sospensjoni ghall-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li l-esponent xtaq iressaq xi provi dwar l-adulterju tal-konvenuta.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta’ Novembru 2005 fejn f’dan l-istadju cahdet it-talba.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet u dwar l-istess jinghad li l-**artikolu 40 tal-Kodici Civili** jiddisponi illi kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista’ titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi

tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabbilment.

Illi ma tistax tintalab firda minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabbilment qabel ma jghaddu erba' snin mid-data taz-zwieg izda wkoll il-Qorti tista' tiddikjara l-firda ghal dik ir-raguni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-artikolu ebda wahda mill-persuni flimkien ma tkun ghamlet it-talba ghal dik ir-raguni.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li fil-kawza fl-ismijiet **"Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi"** (P.A. – (Q.F) (RCP) - 2 t'Ottubru 2003) *"li biex is-sevizzi minacci w ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali jew almenu ripetuti b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi. Il-mohqrija tinkludi dawk l-atti ta' maltrattament li minkejja li ma jipperikolawx l-hajja jew is-sahha ta' dak li jkun irendi l-hajja konjugali impossibbli. Il-ligi taht l-* ***artikolu 40*** *tal-Kodici Civili taghmel referenza ghal mohqrija izda mhux ghal sevizzi izda mill-gurisprudenza jidher illi l-kelma mohqrija u sevizzi jfissru l-istess haga. Bil-kelma sevizzi ai termini tal-ligi wiehed jifhem atti abitwali ta' krudelta li joffendu l-persuna jew l-animu ta' dak li lejh ikunu diretti sal-punt li jiggeneraw it-taqlib, ugiegh u avverzjoni lejn min ikun wettaq tali atti. Certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jirrendu l-hajja komuni nsopportabbli huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi. It-theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew isiru bil-ghan li twegga lill-parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom miserabbli u skuntenta."*

Illi f'decizjoni ohra fil-kawza ohra fl-ismijiet **"Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2000) jinghad illi "*sabiex tintalab s-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, s-sevizzi, t-theddid u l-ingurji gravi izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija*

*sufficjenti. Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri. Biex ikun hemm mohqrija jehtieg jkun hemm mhux xi att isolat ta' xi daqqa waqt xi tilwim imma l-persistenza f'certa imgieba hazina li juri li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien. Ghal dak li jirrigwarda theddid jew vjolenzi il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa imgieba hazina u mhux b'xi att izolat waqt xi tilwima."*

Illi dwar dawk li jistghu jkunu il-konsegwenzi ta' separazjoni personali, partikolarment ghal dak li huwa jew hija hati ghall-istess firda l-**artikolu 48 (1) tal-Kodici Civili** jiddisponi li:-

*"Il-parti, ir-ragel jew il-mara illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-**artikoli 38 u 41** titlef;*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikolu 631, 633, 633A, 825, 826 u 827**;*

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew taht titolu gratuitu;*

*(c) kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikun sar l-aktar bil-hidma ta wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-**artikolu 3**.*

*(d) Il-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra f'kull kaz li taghtiha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-**sub-artikolu (1) (b)** jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti msemmijin fil-**paragrafu (c)** ta' dak is-sub-artikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel mas-sentenza tal-firda tkun giet imnizzla fir-Registru Pubbliku.*

Illi l-**artikolu 52 tal-Kodici Civili** jghid:-

*"Illi hu imholli wkoll l-idejn il-qorti li tiddeciedi, skond ic-cirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48** ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkella m'ghandhom jghoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed jew l-ohra jkunu htija ta' eghmil li jaghti lok ghall-firda".*

Illi b'hekk ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti ghandha disprezzjoni fl-applikazzjoni fost l-ohrajn anke ta' dan l-artikolu apparti artikoli ohra ta' l-istess Kodici u dan ovvjament jiddependi minn kaz ghal kaz u fuq is-serjeta` ta' l-aggravji li jaghtu lok ghal separazzjoni, u dan specjalment fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-istess **artikolu 40.**

Illi ghal dak li huwa l-kaz odjern il-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fis-24 ta' April 1983, minn liema zwieg twieldu tlett itfal (3) li tnejn minnhom kienu ghadhom minuri meta saret il-kawza u cioe` Antoinette Cauchi u Ronald Cauchi.

Illi dan iz-zwieg in kwistjoni tkisser irremedjabbilment peress li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, (li ezaminat bir-reqqa kull prova prodotta, inkluz li nnutatat il-komportament tal-kontendenti waqt il-kawza), mill-assjem u apprezzament tal-provi kollha prodotti jirrizulta illi l-komportament tal-konvenut, u l-aggressivita` u d-dominju tieghu waslu ghal din il-firda personali.

Illi intant gie ppruvat, (anke mill-affidavit tal-attrici a fol. 98) li l-kontendenti kienu qed jghixu f'ambjent zghir u kien hemm hafna tilwim mal-familjari tar-ragel. Illi taht dan l-aspett jirrizulta b'mod inkonfutabbli li r-ragel ta' l-attrici, l-konvenut odjern, kien jahqar lill-mara u sahansitra kien jerfa' idejh fuqha (ara certifikati medici esebiti mill-attrici ta' swat u mohqrija a fol. 52) u dan baqa' sejjer ghal zmien twil sahansitra anke fi zminijiet ricenti w adirittura waqt l-istess proceduri ta' separazzjoni. Dan l-agir illegali tar-ragel baqa' ghaddej ghal zmien konsiderevoli u b'mod

konsistenti li l-attrici tista' tghid ghaddiet minn martirju wara l-iehor u sofferenza kontinwa, u certament dan jamplifika l-bzonn ghall-ligijiet dwar il-kontroll tal-vjolenza domestika, li din il-Qorti thoss bla ebda esitazzjoni li dan huwa kaz minnhom.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta b'mod mill-iktar evidenti li fil-fatt l-istess konvenut b'mod mill-iktar konsistententi haqar severament lill-martu u lill-uliedu kollha u refa' jdejh fuqhom kemm-il darba u f'dan il-kuntest ix-xhieda ta' l-attrici hija kkorroborata mix-xhieda tal-Charlo Cauchi, iben magguri tal-kontendenti, u wkoll mid-diversi certifikati medici li gew esebiti mill-attrici u wkoll minn diversi rapporti tal-pulizija li saru mill-istess attrici u anke minn uliedha, b'dan li ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe mhux biss li x-xhieda ta' l-attrici hija dik l-aktar attendibbli, izda li mill-assjem tal-provi jidher li l-istess konvenut ghamel minn kollox sabiex jivvessa, jumilja u anke jiddegrada lill-attrici b'kull mod inkluz permezz ta' vjolenza fizika u morali u theddid, u dan l-atteggjament tieghu jidher li kompla anke waqt il-mori ta' din il-kawza, u l-istess vjolenza giet ukoll diretta fuq uliedu stess, kif l-istess certifikati, ritratti, rapporti u xhieda moghtija f'din il-kawza wrew bla ebda dubju kwalunkwe; ghalhekk din il-Qorti thoss, bla ebda esitazzjoni ta' xejn, li gie ppruvat konkludentement li l-istess konvenut huwa responsabbli ghal din il-firda bejn il-kontendenti minhabba eccessi, inkluza vjolenza domestika kontinwa, sevizzi, mohqrija w ingurji gravi kommessi minnu fil-konfront ta' martu u uliedu u li kawza ta' l-istess il-konvivenza ta' bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

Illi f'dan il-kuntest hija sintomatika l-karba ta' l-attrici li fl-affidavit taghha a fol.100 tal-process xehdet b'dan il-mod:-

*"F'ghoxrin sena zwieg, dsatax-il sena minnhom ghaddejthom fil-glied u is-swat. Ghandi certifikati medici li jikkonfermaw is-swat li kont naqla minghand Charlie. Dan il-vizzju tas-swat tant dahal fih li recentement anke t-tfal qed isawwat."*

*"Nghid li meta hrigt tqila bit-tielet tarbija, Charlie allega li hu ma kienx missier it-tarbija. Aktar minn hekk kien qalli biex innehhi t-tarbija. Jiena irrifjutajt, ma ridtx innehhi lill-ibni. Matul id-disa' xhur tat-tqala Charlie minn kollox ipprova jaghmel sabiex inkorri, darba minnhom anke meta kelli sitt xhur tqala refa' jdejh fuqi. Kien jghid li din it-tarbija kienet zejda ghax ahna konna ghadna qed inhallsu d-dar."* Il-kumplament tal-affidavit jikkonferma dan l-agir li qed jinghad.

Illi sabiex ikompli jiddiskrivi l-ambjent li kienu jghixu fih il-konjugi Cauchi u l-effett li dan halla fuq l-istess ulied il-kontendenti a fol. 45 tal-process Charlot Cauchi iben il-partijiet ta' dsatax-il sena jixhed b'dan il-mod:-

*"Din tal-ghajjat u storbju kienet issehh b'mod frekwenti. Hafna drabi l-incidenti kienu jkunu fuq kwistjonijiet familjari … … ... B'incidenti nispjega li dan ma jkunx biss tilwim verbali imma gieli kien ikun hemm swat u affarijiet ohrajn. Niftakar per ezempju meta ommi ghalqet 37 sena mar fil-kcina gibidha minn xagharha habtilha rasha mal-granit nizzilha mal-art u taha daqqa ta' sieq".*

Illi l-atteggjament tal-konvenut ghal dan kollu, minkejja n-numru sostanzjali ta' certifikati medici esebiti, ritratti ta' vjolenza kemm fuq l-oggetti fid-dar u kemm fuq il-persuna ta' l-attrici u binha maggorenni, u tar-rapporti li saru kontra tieghu lill-pulizija, nkluz il-kundanna b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, kien jinkludi fost l-ohrajn li l-istess konvenut fl-affidavit tieghu (fol.126) jghid u jinsinwa li l-istess firda personali sehhet minhabba li huwa kien allegatament joggezzjona ghal dawk li huwa sejjah bhala atteggjamenti ta' kunfidenzi li huwa jghid li l-mara tieghu kienet taghti fir-rigward ta' rgiel ohra. Din l-allegazzjoni bl-ebda mod qatt ma giet ippruvata u wisq inqas sostanzjata b'xi mod u ghalhekk din l-versjoni tal-konvenut bla ebda sostanza u bazi hija fiha nnfisha raguni ohra ta' ngurja *da parte* tieghu fil-konfront ta' l-attrici; dan qed jinghad ghaliex ma hemm lanqas ebda tracci ta' prova li b'xi mod tista' tikkorrobora dak li jsostni l-konvenut, u dan irenda l-versjoni tieghu mhux biss *in vero simili*, izda addirittura mhux kredibbli w *inveritiera*; dan ghalhekk anke juri l-mod mill-iktar

irresponsabbli li l-istess konvenut mhux biss agixxa fil-konfront ta' martu u ta' uliedu, izda wkoll in-nuqqas tieghu ta' responsabbilta` li bih huwa iffacja din il-kawza u huwa sintomatiku wkoll tal-mod li bih l-istess konvenut hares lejn il-problema serja ta' vjolenza domestika li huwa kien il-prim attur taghha u tant holqot tbatija ghall-attrici u ghall-istess uliedu, billi injoraha u pprova jaghti tort tal-kollass taz-zwieg fuq martu b'allegazzjonijiet li fil-kuntest tal-process odjern huma litteralment fierha u vessatorji.

Illi fil-fatt l-aggressjoni ta' l-istess konvenut kienet tant serja li din aggravat b'tali mod li huwa beda anke jerfa' jdejh fuq ibnu stess u *in effetti* kien hemm incidenti fil-konfront ta' ibnu Charlot li wasslu ghall-proceduri mehuda kontrih mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li konsegwenti ta' l-istess il-istess konvenut instab hati ta' diversi akkuzi fost ohrajn anke li hebb ghal ibnu Charlot Cauchi u gie kkundannat multa ta' hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35) (Dok. "LCC"). Incidenti ohra u certifikati medici esebiti max-xhieda tal-attrici a fol.52 tal-process u fol.90 tal-process kif ukoll rapporti l-Ghassa tal-Pulizija (fol.69 *et seq*) kif ukoll certifikati medici ohra esebiti a fol. 239 *et sequitur* jikkonfermaw dan l-agir sevizzjuz fir-rigward tal-mara u binhom Charlot.

Illi jigi ripetut li t-tkissir irremedjabbli taz-zwieg b'mod illi l-konvivenza bejn il-partijiet giet resa mpossibbli huwa wkoll evidenti mir-rikorsi li saru fil-pendenza tal-proceduri u ritratti esebiti a fol.194 u 196 *et sequitur* u dan kollu huwa naxxenti mill-agir aggressiv tal-konvenut kif fuq inghad.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li xehed **Charlot Cauchi** a fol. 47 u 48 tal-process u fejn qal li:-

"*Nispjega illi jiena minhabba s-separazzjoni t'ommi u missieri, ommi dahlet fil-kamra tieghi u jiena qed noqghod fuq bunk bed isfel taht it-tarag. Dak in-nhar jiena kont qieghed mas-sink, huwa gie fuqi u qalli li jekk jiena ma kontx ser innehhi l-affarijiet minnn go din il-gradenza u nitfa l-affarijiet tieghu lura fil-gradenza, kien ser jitfali kollox fuq is-sodda. Hu kien ilu jghidli li hu kien ser ikeccini l-barra ghax jien l`eta tieghi kont ghamiltha d-dar. Ahna*

*dak in-nhar gejna fl-idejn ghax hu hebb ghalija, jien kont diga ammonejtu drabi ohra li jiena kont gibtlu rispett minhabba li huwa missieri pero` jekk kien ser imissni darb'ohra kont ser niddefendi lili nnifsi. Gejna fl-idejn u litteralment biccirni ghax kelli wicci kollu demm u jiena cempilt lill-mama u haditni l-polyclinic u morna naghmlu r-rapport. Qed nigi mistoqsi jien x'ghamiltlu nghid li jien iddefendejt lili nnifsi pero` ddefendejt lili nnifsi b'idejja. Qed nigi mistqosi jekk ghandniex ir-rapport tat-tabib nghid iva ghandi c-certifikat. Qed nigi mistoqsi x'kienu l-feriti nghid li dawn kienu diversi grif feriti u tbengil taht ghajnejja. (vide fol.91 et seq).*

Illi fid-dawl tax-xhieda illi tresqet u abbazi ta' dak kollu li gie kkonsidrat f'din id-decizjoni jirrizulta ghalhekk illi l-ewwel talba tal-attrici hija gustifikata u ghalhekk il-kaz ta' separazzjoni mressaq mill-attrici ghandu jigi milqugh u dan sehh u huwa necessarju minhabba li l-konvenut huwa hati *verso* l-attrici ta' eccessi, nkluza vjolenza domestika kontinwa, sevizzi, mohqrija w ingurji gravi fil-konfront ta' martu u uliedu u li kawza ta' l-istess il-konvivenza ta' bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment. Illi dak li jaghmel dawn l-atti hafna aktar serji huwa l-fatt, ippruvat f'din il-kawza li l-istess konvenut kompla b'dan l-atteggjament tieghu waqt il-mori kollha tal-kawza u sa l-ahhar baqa' jimmaltratta lill-martu u lill-uliedu.

Illi *in vista* ta' dan l-atteggjament konsistenti tal-konvenut u dan l-abbuz kollu minnu fuq martu u uliedhu, w dan ghal snin shah, thoss li huwa l-kaz li din il-Qorti ghandha tawtorizza lill-attrici li tibqa' tghix ma' uliedha fid-dar matrimonjali almenu sakemm ghall-perjodu ta' seba' snin mid-data ta' din is-sentenza, u dan b'esklussjoni tal-konvenut li qed jigi ordnat sabiex johrog u jizgombra ruhu mill-fond "Charlil", Triq Indri Calleja, Birkirkara fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u b'dan li mill-istess fond il-konvenut jiehu biss mieghu l-oggetti personali tieghu; fin-nuqqas li l-istess konvenut jaghmel dan fit-terminu qasir u perentorju hawn lilu moghti din il-Qorti tordna l-izgumbrament ta' l-istess konvenut mill-imsemmi mmobbli bl-assistenza tal-

Marixxalli tal-Qorti u l-membri tal-Pulizija Esekuttiva u ghal dan l-iskop tordna li a spejjez attrici kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifika mill-attrici lill-Registratur tal-Qorti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi dwar it-tieni talba attrici jirrizulta li ghalkemm il-kontendenti ghandhom tlett itfal, tnejn minnhom huma llum maggorenni u dan qed jinghad ghal dak li jirrigwarda Charlot u Antoinette. Illi jirrizulta li l-istess ulied kollha ghadhom jghixu fid-dar matrimonjali u l-istess ghalhekk japplika ghall-minuri Ronald Cauchi li ghandu tlettax-il sena.

Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi in kwantu ghall-kura u kustodja ta’ dan it-tifel minuri Ronald din qed tigi fdata lill-mara, b’access ghall-missier ta’ darbtejn fil-gimgha kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba s-Sibt u darba l-Hadd, alternattivament mid-9.00.a.m. sal-11.30.a.m. Illi l-istess minuri ghandu jigi ritornat id-dar ta’ ommu u l-access jibda jsehh mill-istess fond, u l-istess minuri ghandu jithalla fil-liberta` kollha mill-partijiet sabiex isegwi l-istess access, b’dan li l-partijiet ghandhom jirrispettaw ix-xewqat tieghu, ghalkemm il-Qorti tirrakommanda lill-minuri sabiex isegwi dan l-access ma’ missieru.

Illi dwar it-tielet talba attrici ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut ghandu l-obbligu li jhallas manteniment lill-martu u lill-uliedu minuri u jidher li fil-verbal fl-udjenza ta’ quddiem il-Qorti tat-8 ta’ Frar 2005 (fol.235) il-partijiet qablu illi l-manteniment ghandu jibqa’ kif inhu; din il-Qorti tinnota li dan il-verbal sar mill-partijiet minkejja l-fatt li kienu jafu li fi ftit zmien Antoinette kienet ser tilhaq l-eta` ta’ maggorenni; dan qed jinghad ghaliex minkejja dan il-verbal il-konvenut ipprezenta rikors sabiex il-manteniment li kien qed ihallas jonqos.

Illi fil-verita` d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono - Digriet Numru 596/2003 a fol.8 tal-process – ipprovda w ordna lir-ragel sabiex ihallas l-ammont ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) bhala manteniment ghall-mara (Lm100) u

ghaz-zewg minuri (Lm100 b'kollox – Lm50 kull wiehed) u dan ghal kull erba' gimghat, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem u jithallsu l-ghada li r-ragel jaqbad il-paga, u l-ispejjez tat-telefon u gas jithallsu mill-mara u dawk tad-dawl u ilma jithallsu mir-ragel.

Illi din il-Qorti thoss li tenut kont ta' l-introjtu tal-konvenut anke waqt il-kawza kif jinsab ippruvat minn diversi dokumenti fosthom dawk esebiti bhala Dok. "CA" u Dok "CA 1" fejn fis-sena 2003 il-konvenut kellu introjtu gross ta' sitt elef, tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm6,358), u kien qed ihallas *pendente lite* biss l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar, u ghalkemm jidher li fil-kaz tal-konvenut setgha kien hemm xi tnaqqis ghal dak li huwa *overtime,* din il-Qorti thoss li r-rata ta' manteniment ghandha tibqa' l-istess fis-sens li l-manteniment pagabbli lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghall-binha minuri ghandu jkun ta' mitejn lira (Lm200) kull erba' gimghat, kwantu ghall-mija u hamsin lira Maltija (Lm150) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-attrici u kwantu ghall-hamsin lira Maltija (Lm50) kull erba' gimghat ghal-istess minuri, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan billi jitnaqqsu direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghatu direttament lill-attrici f'isimha u ghan-nom tal-minuri fir-residenza taghha, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza a spejjez taghha lill-*employer* tal-konvenut sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu ma' l-istess. Din il-Qorti tordna li l-attrici b'effett mid-data minn meta l-istess konvenut johorg mid-dar matrimonjali abbazi ta' din id-decizjoni hija tkun responsabbli ghall-hlas tas-servizzi kollha tad-dar; ghalhekk sakemm il-konvenut jibqa' jghix fl-istess dar fil-mori ta' din il-kawza jibqa' japplika l-provvediment moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li huwa jkun responsabbli ghall-hlas tad-dawl u ilma.

Illi dwar ir-raba' talba' attrici din it-talba ghandha tigi milqugha u qed jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u minhabba dak premess dwar d-dritt esklussiv ta’ l-attrici li tghix ma’ uliedha f’dik li kienet id-dar matrimonjali ghal perjodu ta’ seba’ snin mid-data ta’ din is-sentenza bl-esklussjoni tal-konvenut kif provdut, din il-Qorti tordna li l-likwidazzjoni u divizzjoni ta’ dak li hija l-komunjoni ta’ l-akkwisti ssir billi tali fond immobbli “Charlil”, Triq Indri Calleja Street, B’Kara jibqa’ in komun bejn il-partijiet ghal zmien seba’ snin mid-data ta’ din is-sentenza u wara tali perjodu ta’ seba’ snin imsemmija din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta’ l-istess immobbli u mir-rikavat ta’ l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar il-kontijiet bankarji li jinsabu f’isem il-konvenut inkluzi dawk mal-Bank of Valletta plc *Savings Account* 14104987015 (li fl-4 ta’ Novembru 2003 kien fih mitejn u disa’ lira Maltin u sitt centezmi (Lm209.06) u kull kont bankarju iehor f’isem il-konvenut mal-istess Bank jew l-HSBC Malta plc u l-kont f’isem il-konvenuta Numru 40012706268 ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan pero` li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici wkoll is-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) rapprezentanti nofs l-ammont li l-konvenut irtira mill-kont mal-HSBC plc Numru 037022068150 li gie maghluq mill-konvenut fit-23 ta’ Mejju 2003, flimkien ma’ l-ammont ulterjuri ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) rapprezentanti nofs is-*sorte* jew ahjar l-ammont ta’ kumpens fl-ammont ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000) li l-istess konvenut thallas konsegwenti ghad-decizjoni li nghatat fil-21 t’ April 1999 mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fl-atti tal-proceduri fl-ismijiet **“Carmelo Cauchi vs Maltacom plc”.**

Illi l-ghamara kollha li hemm fl-istess dar konjugali flimkien mal-vettura Suzuki AAU – 554 qed jigu assenjati lill-mara, filwaqt li l-vettura Mitsubshi Reg. No. DAD – 182 qed tigi assenjata lir-ragel. Il-Qorti f’dan il-kuntest qed tiehu konsiderazzjoni dwar dak li qalu l-partijiet dwar l-istess mobbli u wkoll fejn il-konvenut deher li qed jikkonsidra jcedi d-drittijiet tieghu fuq l-istess mobbli – u wkoll din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li hemm diskrepanza

sostanzjali bejn il-valur taz-zewg vetturi, almenu ghall-valur indikat minn parti minnhom, fejn il-karozza tal-konvenut tidher li tiswa sostanzjalment izjed minn dik li qed tigi assenjata lill-attrici.

Illi l-attrici ghandha zzomm l-ammont ta’ sitt elef u tmien mitt lira Maltin (Lm6,800) u kull somma verjuri li kienet depositata f’isimha fil-kont bankarju 1643922910 fl-HSBC u dan *stante* li gie pruvat li dawn il-fondi kienu messu lilha mill-wirt tal-genituri taghha (*vide* anke fol. 171) u ghalhekk huwa parafernali taghha, apparti li l-istess konvenut tilef kull dritt ghall-akkrexximent ta’ l-istess somma *stante* li gew applikati kontra tieghu d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

Illi dwar il-hagar prezzjuz u deheb, dak li jintlibes mir-ragel ghandu jibqa’ tar-ragel u dak li jintlibes mill-mara ghandu jibqa’ tal-mara.

Illi dwar l-oggetti parafernali li dwarhom saret allegazzjoni mill-konvenut fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu ma hemm l-ebda prova dwar l-istess kemm ghal dak li huwa deheb jew oggetti prezjuzi u kemm kwantu l-allegazzjoni tieghu ta’ kreditu parafernali u ghalhekk qed jigu hawn michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak fuq deciz, **tichad is-sitt talba attrici u tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut minhabba li l-konvenut huwa hati *verso* l-attrici ta’ eccessi, inkluza vjolenza domestika kontinwa, sevizzi, mohqrija w ingurji gravi fil-konfront ta’ martu w uliedu u li kawza ta’ l-istess il-konvivenza ta’ bejn

il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment u ghalhekk tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Ronald f'idejn l-attrici b'access ghall-missier ghall-istess minuri ta' darbtejn fil-gimgha kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u darba s-Sibt u darba l-Hadd, alternattivament mid-9.00.a.m. sal-11.30.a.m kollox skond kif indikat f'din id-decizjoni.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmi minuri Ronald bhala manteniment ghaliha u ghall-istess minuri r-rata ta' mitejn lira (Lm200) kull erba' gimghat, kwantu ghall-mija u hamsin lira Maltija (Lm150) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-attrici u kwantu ghall-hamsin lira Maltija (Lm50) kull erba' gimghat ghall-istess minuri, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan billi jitnaqqsu direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghatu direttament lill-attrici f'isimha u ghan-nom tal-minuri fir-residenza taghha, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza a spejjez taghha, lill-*employer* tal-konvenut sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu ma' l-istess. Din il-Qorti tordna wkoll li l-attrici b'effett mid-data minn meta l-istess konvenut johrog mid-dar matrimonjali abbazi ta' din id-decizjoni tkun hija responsabbli ghall-hlas tas-servizzi kollha tad-dar, b'dan ghalhekk li sakemm il-konvenut jibqa' jghix fl-istess dar jibqa' japplika l-provvediment moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-sens li huwa jkun responsabbli wkoll ghall-hlas tad-dawl u ilma ta' l-istess fond immobbli li fih attwalment tghix l-attrici u li permezz ta' din is-sentenza qed tinghata dritt li tghix esklussivament fih ghall-perjodu hawn indikat.

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 *et seq* tal-kap** 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens kif gja deciz f'din is-sentenza.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u dwar il-fond "Charlil", Triq Indri Calleja, Birkirkara minhabba dak premess din il-Qorti tordna u tawtorizza lill-attrici li tibqa' tghix ma uliedha fl-istess fond immobbli anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16** u dan ghall-perjodu ta' seba' (7) snin mid-data ta' din is-sentenza, u dan b'esklussjoni tal-konvenut li qed jigi ordnat sabiex johrog u jizgombra ruhu mill-istess fond "Charlil", Triq Indri Calleja, Birkirkara fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din s-sentenza, u b'dan li mill-istess fond il-konvenut jiehu biss mieghu l-oggetti personali tieghu; fin-nuqqas li l-istess konvenut jaghmel dan fit-terminu qasir u perentorju hawn lilu moghti din il-Qorti tordna l-izgumbrament ta' l-istess konvenut mill-imsemmi mmobbli bl-assistenza tal-Marixxalli tal-Qorti u l-membri tal-Pulizija Esekuttiva u ghal dan l-iskop tordna li a spejjez attrici kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata mill-attrici lill-Registratur tal-Qorti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi minhabba dak premess dwar id-dritt esklussiv ta' l-attrici li tghix ma' uliedha f'dik li kienet id-dar matrimonjali ghal perjodu ta' seba' snin mid-data ta' din is-sentenza bl-esklussjoni tal-konvenut kif provdut, din il-Qorti tordna li l-likwidazzjoni u divizzjoni ta' dak li hija l-komunjoni ta' l-akkwisti ssir billi tali fond immobbli "Charlil", Triq Indri Calleja Street, B'Kara jibqa' in komun bejn il-partijiet ghal zmien seba' snin mid-data ta' din is-sentenza u wara tali perjodu ta' seba' snin imsemmija din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' l-istess immobbli u mir-rikavat ta' l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet

Illi dwar il-kontijet bankarji li jinsabu f'isem il-konvenut inkluzi dawk mal-Bank of Valletta plc *Savings Account* 14104987015 (li fl-4 ta' Novembru 2003 kien fih mitejn u disa' lira Maltin u sitt centezmi (Lm209.06) u kull kont bankarju iehor f'isem il-konvenut ma' l-istess Bank jew l-HSBC Malta plc u l-kont f'isem il-konvenuta Numru 40012706268 ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan pero` li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici wkoll is-somma ta' seba' mija u hamsin (Lm750)

rapprezentanti nofs l-ammont li l-konvenut irtira mill-kont mal-HSBC plc Numru 037022068150 li gie maghluq mill-konvenut fit-23 ta’ Mejju 2003, flimkien ma’ l-ammont ulterjuri ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) rapprezentanti nofs is-*sorte* jew ahjar l-ammont ta’ kumpens fl-ammont ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000) li l-istess konvenut thallas konsegwenti ghad-decizjoni li nghatat fil-21 t’ April 1999 mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fl-atti tal-proceduri fl-ismijiet **“Carmelo Cauchi vs Maltacom plc”.**

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-ghamara kollha li hemm fl-istess dar konjugali flimkien mal-vettura Suzuki AAU – 554 qed jigu assenjati lill-mara, filwaqt li l-vettura Mitsubishi Reg. No. DAD – 182 qed tigi assenjata lir-ragel.

Illi l-attrici ghandha zzomm l-ammont ta’ sitt elef u tmien mitt lira Maltija (Lm6,800) u kull somma verjuri li kienet depositata f’isimha fil-kont bankarju 1643922910 fl-HSBC u dan *stante* li l-istess somma jew ammonti verjuri huma parafernali taghha u wkoll ghar-ragunijiet fuq indikati ghal kull akkrexximent ta’ l-istess bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut.

Illi dwar il-hagar prezzjuz u deheb dak li jintlibes mir-ragel ghandu jibqa’ tar-ragel u dak li jintlibes mill-mara ghandu jibqa’ tal-mara.

6. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

7. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li l-attrici ghandha pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tilqa’ din it-talba u tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku din is-sentenza moghtija minn din il- Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament ghall-ammonti ta’ flus hawn indikati li huma dovuti mill-konvenut lill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------